MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2014

Citazzjoni Numru. 261/2014

**Mostafa Saleh Ali Altrabelsi u Sorina Oprisan bhala genituri u fl-interess tal-wild minuri taghhom Yasmin Trabelsi**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta’ Mustafa Saleh Ali Altrabelsi u Sorina Oprisan datat 28 ta’ Marzu 2014 fejn esponew: -

Illi minn relazzjoni ta' bejniethom, ir-rikorrenti huma genituri tal-minuri Yasmin Trabelsi, imwielda fid-9 ta' Settembru 2013 f'Tas-Sliema.

Illi kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid ta' l-istess minuri (Dok A), l-imsemmija minuri Yasmin inghatat il-kunjom Trabelsi, tant illi fil-kolonna "Isem il-Wild", tnizzel l-isem ta' Yasmin Trabelsi u fil-kolonna ta' l-istess certifikat "Isem u kunjom u post tat-twelid tal-missier”’ tnizzel l-isem ta' Mostafa Trabelsi.

Illi kif jidher mill-kopja awtentikata tal-passaport tar-rikorrent missier Yasmin, (Dok B), il-kunjom tieghu huwa Altrabelsi.

Illi dan huwa sostnut ukoll mill-kopja awtentikata u d-debita

traduzzjoni tac-certifikat tat-twelid tar-rikorrent (Dok C), li jindika l-kunjom tar-rikorrent Mostafa Saleh Ali bhala Altrabelsi.

Illi anke c-certifikat tat-twelid 782/2014 (Dok D) jindika ampjament illi kunjom ir-rikorrent huwa Altrabelsi u mhux Trabelsi.

Illi meta l-minuri Yasmin inghatat ghalhekk kunjom missierha, dan kellu jkun Altrabelsi u mhux Trabelsi, bil-konsegwenza illi c-certifikat tat-twelid tal-minuri Yasmin (Dok A) huwa skorrett u zbaljat u sabiex ikunu evitati

problemi u nkonvenjenti ‘l quddiem huwa mehtieg illi dan l-izball jigi notifikat billi jsiru d-debiti korrezzjonijiet.

Ghaldaqstant, din l-Onorabbli Qorti, tenut kont dawn il-premessi, qed tintalab:

1 Tiddikjara illi fic-certifikat tat-twelid 4305 tas-sena 2013 hemm zewg zbalji, kontenenti wiehed fil-kunjom tal-missier u l-iehor fil-kunjom tal-wild Yasmin.

2. Tordna lill-konvenut sabiex jaghmel dawk il-korrezzjonijiet mehtiega fic-certifikat 4305/2013, u dan billi taht il-kolonna "Isem il-Wild", il-kelma/kunjom Trabelsi jigi sostitwit bil-kelma/kunjom Altrabelsi, u taht il-kolonna "Isem u kunjom u post tat-twelid tal-Missier", il-kelma/kunjom Trabelsi jigi sostitwit bil-kelma/kunjom Altrabelsi.

3. Tordna wkoll illi kopja tal-eventwali decizjoni ta' din I-Onorabbli Qorti tigi notifikata *ai termini* tal-Artiklu 256 tal-Kodici Civili sabiex fiz-zmien li trid il-ligi, isiru d-debiti korrezzjonijiet kif ghad iridu jigu ordnati b'din l-istess sentenza.

Bl-ispejjes.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-12 ta’ Gunju 2014.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 5 ta' Mejju 2014 (fol 17) fejn jesponi bil-qima u bil-ġurament tieghu jiddikjara u jikkonferma dan li ġej:

1. Illi preliminarjament, qabel is-smigħ tal-kawża, b'ordni tal-Qorti għandu jiġi ppubblikat avviż fil-Gazzetta tal-Gvern ta' l-anqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża *a tenur* tal-**Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

2. Illi l-esponent jirrileva li fil-punt tar-registrazzjoni tat-twelid tal-minuri, d-dikjaranti fuq l-att tat-twelid kienu r-rikorrenti infushom u hekk kif jidher mid-dokumenti annessi u immarkati **Dok. DRP 1 u Dok. DRP 2** fuq id-dikjarazzjoni maghmula minnhom bhala genituri *ai termini* tal-artikolu 292A tal-Kap 16 u fuq l-att tat-twelid il-kunjom li huma riedu li l-minuri tassumi kien "Trabelsi" u mhux "Altrabelsi". Huma iffirmaw tali dikjarazzjoni liema firma tfisser li accettaw li l-informazzjoni kif inserita hija wahda korretta. Minn imkien ma jirrizulta li fil-punt tar-registrazzjoni l-missier iddikjara li kunjomu kien "Altrabelsi".

3. Illi galadarba huwa evidenti li ma sar l-ebda zball li jrid jigi ikkorregut min-naha tal-esponent isegwi li t-talbiet tar-rikorrenti m`ghandhomx jigu milqugha.

4. Illi finalment mingħajr ħsara għall-premess l-esponenti tissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti m'hijiex attribwibbli għal xi għemil da parti tal-esponenti u kwindi hija m'għandhiex tiġi assoġġettata għall-ispejjeż tal-kawża istanti.

5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħdin jigu inġunti in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta’ Novembru 2014 fejn meta ssejhet il-kawza dehru Dr. Ian Spiteri Bailey ghall-atturi prezenti u Dr. Maurizio Cordina ghad-Direttur Registru Pubbliku. Dr. Ian Spiteri Bailey iddikjara li m’ ghandux aktar provi u anke Dr. Cordina ddikjara li m’ ghandux aktar provi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-16 ta’ Dicembru 2014

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi “r-rikorrenti *nomine* qed jagħmlu din it-talba *ai termini* tal-artikoli **253 *et sequitur*** tal-Kodiċi Ċivili li jagħtu dritt lil kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-reġistrazzjoni ta’ ismijiet tal-atti tal-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-artikolu 254 saret debitament skont il-Ligi (fol.16).

Illi r-rikorrenti, bhala genituri tal-minuri Yasmin, qed jitolbu l-korrezzjoni tac-certifikat tat-twelid taghha (**DOK A)** peress li kunjom il-missier u konsegwentement il-kunjom moghti lill-minuri, gew gie registrat bhala 'Trabelsi' minnflok 'Altrabelsi' li, skont l-istess rikorrent, huwa l-kunjom korrett tieghu.

L-intimat eccepixxa li kienu l-istess genituri d-dikjaranti fuq l-att ta' registrazzjoni tat-twelid u kkonfermaw il-kontenut tal-istess. Ghalhekk jghid li t-talbiet odjerni m'ghandhomx jigu milqugha.

Din il-Qorti ma tikkondividix din il-fehma. Fil-kaz odjern, il-minuri hadet il-kunjom tal-missier u jekk jirrizulta li dan il-kunjom ma tnizzilx korrettement, huwa d-dover tal-Istat li jilqa' l-korrezzjoni mehtiega sabiex il-kunjom tal-minuri ikun konformi mal-kunjom tal-missier.

Ghaldaqstant it-talba odjerna hija fir-realta' talba sabiex dak li hu rikonoxxut u permess mill-Ligi stess, jinghata siwi.

Illi r-rikorrent esebixxa kopja tal-passaport Malti tieghu (fol 5) fejn kunjomu hu mnizzel mill-awtoritajiet Maltin bhala 'Altrabelsi', kif ukoll tac-certifikat tat-twelid tieghu mahrug mir-Registru Pubbliku ta' Malta (fol 8) bin-numri 782/14. Jirrizulta minn dawn id-dokumenti, ibbazati fuq accertamenti ufficjali mill-awtoritajiet Maltin responsabbli ghall-hrug ta' passaporti, li kunjom ir-rikorrent huwa 'Altrabelsi.' Tant hu hekk li meta inhareg il-passaport tieghu, inbiddlet il-Karta tal-Identita` tieghu sabiex jigi identifikat bil-kunjom 'Altrabelsi' in konformita mal-passaport (fol.28).

Fid-dawl ta' dan kollu l-Qorti hija soddisfatta li t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu milqugha ghar-ragunijiet fuq spjegati.

Fic-cirkostanzi billi ma sar l-ebda zball da parti tal-intimat, il-Qorti jidhrilha li l-ispejjez ghandhom jigu sopportati mir-rikorrenti.

## III. **KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li **tichad** l-eccezzjonijiet tal-intimat Direttur safejn dawn mhumiex kompatibbli ma' din is-sentenza, tiddisponi mit-talbiet attrici skont dan li gej:

1 **Tilqa'** l-ewwel talba u tiddikjara illi fic-certifikat tat-twelid 4305 tas-sena 2013 hemm zewg zbalji, kontenenti wiehed fil-kunjom tal-missier u l-iehor fil-kunjom tal-wild Yasmin.

2. **Tilqa'** t-tieni talba u tordna lill-konvenut sabiex jaghmel dawk il-korrezzjonijiet mehtiega fic-certifikat 4305/2013, u dan billi taht il-kolonna "Isem il-Wild", il-kelma/kunjom Trabelsi jigi sostitwit bil-kelma/kunjom Altrabelsi, u taht il-kolonna "Isem u kunjom u post tat-twelid tal-Missier", il-kelma/kunjom Trabelsi jigi sostitwit bil-kelma/kunjom Altrabelsi.

3. Tordna wkoll illi kopja tal-eventwali decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti tigi notifikata *ai termini* tal-Artiklu 256 tal-Kodici Civili sabiex fiz-zmien li trid il-ligi, isiru d-debiti korrezzjonijiet hawn fuq ordnati.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.**

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------